



Brussell, 7 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)

9313/1/19  
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0105(COD)**

**CODEC 1080**  
**ENFOPOL 245**  
**JAI 521**  
**EF 194**

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (l-ewwel qari)<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fis-17 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 87(2) TFUE<sup>23</sup>.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju 2018<sup>4</sup>.
3. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew<sup>5</sup> jirrifletti l-ftehim ta' compromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

<sup>1</sup> 8411/18.

<sup>2</sup> F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

<sup>3</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u la hija marbuta biha u lanqas soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

<sup>4</sup> ĠU C 367, 10.10.2018, p.84.

<sup>5</sup> 8450/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 64/19, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bil-Ġermanja tastjeni;
  - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-Addenda 1 u 3 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa;
  - jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 3 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
  - jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew li tinsab fl-Addendum 2 għal din in-nota, li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---